DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 57/2011

tal-20 ta' Mejju 2011

li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 43/2011 tal-1 ta' April 2011 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/646/KE tas-17 ta' Awwissu 2005 dwar it-twaqqif ta' reġistru ta' siti biex jiffurmaw in-netwerk ta' interkalibrazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandha tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim,

(3) Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] għandha tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim.

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/90/KE tal-31 ta' Lulju 2009 li tistipula, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, speċifikazzjonijiet tekniċi għall-analiżi u l-monitoraġġ kimiċi tal-istat tal-ilma [4] għandha tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim.

(5) Id-Direttiva 2008/105/KE tħassar, b'effett mit-22 ta' Diċembru 2012, id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE [5], 83/513/KEE [6], 84/156/KEE [7], 84/491/KEE [8] u 86/280/KEE [9], li huma inkorporati mal-Ftehim u li għalhekk iridu jiġu mħassra skont l-istess Ftehim b'effett mit-22 ta' Diċembru 2012,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XX tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Li ġej għandu jiżdied mal-Punti 8 (id-Direttiva tal-Kunsill 82/176/KEE), 9 (id-Direttiva tal-Kunsill 83/513/KEE), 10 (id-Direttiva tal-Kunsill 84/156/KEE) u 11 (id-Direttiva tal-Kunsill 84/491/KEE):

", kif emendat permezz ta':

— **32008 L 0105**: Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-Punti 12 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/280/KEE) u 13ca (id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32008 L 0105**: Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84)."

3. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-Punt 13cab (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/915/KE):

"13cac. **32005 D 0646**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/646/KE tas-17 ta' Awwissu 2005 dwar it-twaqqif ta' reġistru ta' siti biex jiffurmaw in-netwerk ta' interkalibrazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 243, 19.9.2005, p. 1).

13cad. **32008 L 0105**: Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

[1] ĠU L 171, 30.6.2011, p. 44.
[2] ĠU L 243, 19.9.2005, p. 1.
[3] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84.
[4] ĠU L 201, 1.8.2009, p. 36.
[5] ĠU L 81, 27.3.1982, p. 29.
[6] ĠU L 291, 24.10.1983, p. 1.
[7] ĠU L 74, 17.3.1984, p. 49.
[8] ĠU L 274, 17.10.1984, p. 11.
[9] ĠU L 181, 4.7.1986, p. 16.

13cae. **32009 L 0090**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/90/KE tal-31 ta' Lulju 2009 li tistipula, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, speċifikazzjonijiet tekniċi għall-analiżi u l-monitoraġġ kimiċi tal-istat tal-ilma (ĠU L 201, 1.8.2009, p. 36)."

4. It-test tal-Punti 8 (id-Direttiva tal-Kunsill 82/176/KEE), 9 (id-Direttiva tal-Kunsill 83/513/KEE), 10 (id-Direttiva tal-Kunsill 84/156/KEE), 11 (id-Direttiva tal-Kunsill 84/491/KEE) u 12 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/280/KEE) għandu jkun imħassar b'effett mit-22 ta' Diċembru 2012.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2005/646/KE u tad-Direttivi 2008/105/KE u 2009/90/KE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2011, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.